# SANCTA MARIA

*Ta' CARMEL GATT*

Is-sliem għalik, ja Xebba mingħajr tebgħa!
Is-sliem għalik, għajtu s-smewwiet u l-art!
Is-sliem għalik, jgħajjat kull fomm fid-dinja!
Is-sliem għalik, ja ħelwa aktar mill-ward!

Il-kobor t'Alla narawh fik, Marija;
Int kont u tibqa' l-faraġ ta' kull żmien!
Imwielda mingħajr tebgħa! mingħajr ħtija!
Int kont u tibqa' s-sliem tal-qalb u l-lsien.

Seraq Alla mix-xemx id-dija sbejħa?
Seraq għal Ommu mill-wardiet il-ġmiel?
Ma' hiex naqbdu nxebbhuk, ja Omm bla tebgħa?
X'hawn fuq din l-art biex tiegħek jagħti ħjiel?

Inti l-Omm tagħna u l-Omm ta' Min ħalaqna,
U lejk, Marija niġru fit-tiġrib;
Dejjem żammejtna taħt il-ħarsa tiegħek;
Dejjem Int għentna f'toqol is-salib.

Is-sliem għalik, tgħajjat ix-xemx fis-sema!
Is-sliem għalik, ipespes kull għasfur!
Is-sliem għalik, tlissen kull warda siekta!
Tifħir għalik minn ġo kull qalb ifur!

Lilna f'did-dinja, ma nsejtniex, Marija;
Dejjem qlajtilna dak l'aħna tlabniek;
Dejjem ħaristna f'kull tiġrib li nqala',
W aħna f'din l-art dejjem kull ġieħ tajniek.

Żommna magħqudin, Marija, flimkien miegħek;
Itfa' fi qlubna l-barka tas-Smewwiet;
Aħna nfaħħruk, ja Omm il-Ħallieq tagħna,
U nibqgħu naghtuk ġieħ maż-żmenijiet.



# RECENSJONIJIET

**"MIRJA TA' QALBI"**—Poeżiji ta' Charles Coleiro—Bi studju tal-Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (London). Lux Press, 1965. Pp. xii-183.

Hekk semmiehom il-versi tiegħu dan il-poeta ġdid ta' ġenerazzjoni ġdida, u, kif jidher, l-isem hu milqut u qiegħed floku, il-għaliex f'din il-ġabra ta' poeżiji bikrija, il-poeta jurina tassew fil-versi tiegħu, bħal ġewwa mera, ir-rifless ta' dak li ġarrab u ħass s'issa fil-ħajja żagħżugħa tiegħu.

Għalkemm il-poeżija tiegħu ħarġet minn qalb li għadha dduq id-dinja, fiha hemm filosofija ġdida ta' ħajja umana, li minnha, ukoll meta r-radda taż-żmien għad tkemmixlu moħħu, ma tkun tista' tnaqqas xejn ħlief il-prolissità ta' qalb żagħżugħa.

Il-poeta Coleiro, f'dawn il-versi, il-biċċa l-kbira iktarx ta' għamla ġdida sew fil-forma metrika kemm fl-istil u fl-immaġinazzjoni, infired mill-bidu mill-klassiċiżmu ta' Dun Karm, u, għalhekk, ma jagħmilx ma' xi wħud li għall-ewwel trabbew taħt il-ġwinħajn tal-poeta veteran Malti bħalma naraw f'xi versi ta' xi poeti oħra li llum għamlu isem. Kien hemm, għalkemm, fost dawn min dan l-aħħar tħajjar jaqbad triq oħra fuq ix-xeħta tal-poeżija moderna, u f'xi poeżiji tagħhom tawna xi eżempji sbieħ bħalma jidher fil-versi ġodda: "*Il-Ħajja Nżul u Tlajja*" ta' Ġużè Chetcuti.

Fil-versi ta' Coleiro l-immaġinazzjoni qawwija tisboq it-teknicità tal-metru li mhux dejjem dixxiplinat, iżda s-sinċerità tal-espressjoni u s-sempliċità tal-kelma, xi mindaqqiet għalkemm prosajkament idjomatika, hemm mera ta' ħsibijiet filosofiċi tal-ħajja li qajla ssibhom fil-ġenju poetiku ta' żgħażagħ bħalu.

Speċjalità karatteristika ta' Coleiro hija l-libsa metaforika, u s-sentimentaliżmu romantiku fin u ħelu li bihom ilaħħam l-idejiet tiegħu bħalma nsibu fil-versi ta' *Bibien Magħluqa*, *Rwiefen*, *Demm Ġdid*, *Stennejtek* u *Nibqa'*.

Versi deskrittivi li jiffurmaw kwadru sabiħ realistiku nsibu fil-poeżiji *Kingsway*, *Kwadri minn Tmiem il-Ħajja*, u *Lejn il-Golgota* li f'xi tnejn minnhom tidħol nota sentimentali; versi oħra li juru fil-poeta l-qrusa ta' mħabba u dinja qarrieqa naqraw fil-poeżija *Ironija*. *Il-Filosofija tal-Ħajja* għandha minn *Il-Għid taż-Żgħożija* ta' Ġorġ Pisani, iżda fil-versi ta' Coleiro hemm fl-għeluq it-togħma ta' essenza sarkastikament morali.

Fis-sunetti, li huma iktarx ta' għamla Shakesperjana, moħħ il-poeta huwa mġbur u magħluq f'erbatax-il vers, u f'xi wħud minnhom hemm sengħa prosodika li ma ssibhiex fil-versi liberi tal-poeżiji l-oħra li għandu fil-ġabra. Fost dawn ta' min isemmi: *Nhar il-Ġimgħa l-Kbira* u *Milied Malti* li fihom tidwi l-għanja ta' xeni folkloristiċi; il-poeżija *Il-Kalkara* fil-kwadru pittoresk ta' poeta artista, u s-sunett *Għawdex Għallimtni* li fih naqraw fost versi oħra inċiżivi: *Saħħritni l-ħlewwa, il-versi ta' Pisani/Mantar fuq rasek ta' bizzilla fina*. Iżda mbagħad mhux ta' min ma jsemmix ukoll il-kwartini fuq *Il-Monument tal-Gwerra* li fihom iż-żagħżugħ poeta wera sengħa fina ta' immaġinazzjoni deskrittiva b'għeluq ta' tifsira sabiħa dwar is-simboliżmu tal-monument.

F'edizzjoni oħra ta' din il-ġabra ta' poeżiji ż-żagħżugħ poeta jagħmel sewwa jekk 'l hawn u 'l hinn isewwi xi assonanza ċkejkna fir-rima ta' xi versi, kif ukoll xi għeltijiet tal-ortografija, iktarx tal-istampa.

Mill-bqija nifirħulu talli rnexxielu jagħti lil-letteratura tagħna frott hekk bikri, sabiħ u ġdid fil-forma u fl-ispiritwaliżmu tal-ġenju poetiku tiegħu.